FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINAL

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 23 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Pulizija
(Spettur Godwin Scerri)

vs

Ibrahim Nour

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 38413(A), akkuzat illi:

1. nhar il-11 ta' Marzu 2013 ghal habta tat-12.45pm, gewwa Triq Nofsinnhar fil-Belt Valletta, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ghad-detriment ta' Anne Marie Bonnici u dan bi ksur ta' l-Artikolu 207 Kap 9;
2. nhar l-10 ta' Marzu 2013 ghal habta tat-20.00pm, fil-vicinanzi tal-Bus Terminus fil-Furjana, wettaq attentat vjolenti ghal pudur ghad-detriment ta' Juliet Cassar u dan bi ksur tal-Artikolu 207 Kap 9;
3. fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi imsemmija fl-akkuzi ta' hawn qabel offenda il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'zewg kapi ta' akkuzi li jittrattaw reat identiku allegatament minnu kommess f'zewg istanzi differenti. Ir-reat huwa dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur sancit bl-Artikolu 207 tal-Kap 9.

Mill-bidu jinghad li ghal dak li jikkoncerna r-reat riportat fit-tieni kap li jakkuzah bir-reat 'de quo' tal-10 ta' Marzu 2013, dan assolutament ma jirrisultax stante in-nuqqas totali ta' provi ammissibbli apparti in-nuqqas li tittella u tixhed il-kwerelanta. Dak li jistqarr l-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu mhiex u ma tistax tikkostitwixi prova fic-cirkostanzi.

Dwar l-akkuza li tixlih bl-istess reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur li hu mixli li ikkommetta fil-11 ta' Marzu, 2013, il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid: li differentement mill-kaz ta' qabel hawnhekk xehdet il-kwerelanta. Stqarret li kienet qeghdha tgharaf lill-imputat li fil-gurnata 'de quo' fil-misrah ta' Kastillia qalb folla nies li kienet qed taghti merhba lill-Prim Ministru il-gdid

f'xi hin gie mal-genb taghha u ratlu l-parti privata tieghu li kienet mikxufa meta appena qabel kif kien warajha hasset xi haga 'tiela u niezla' ma dara; semmiet li kien qed jimmasturba u qalet li rat il-parti privata tieghu kif gie mal-gemb taghha fejn semmiet 'flokk wieqaf' u ziedet il-kliem 'bil-flokk jigifieri'. Hawnhekk il-Qorti qeghda tifhem li 'l-affari' kien mghotti bil-flokk u l-imputat kien qed jimmasturba ruhhu bil-flokk, cirkostanza din li ma ssibx riskontru fil-kontro ezami taghha fejn ix-xhud stqarret li, fl-ewwel lok, il-pene kien erett u testwalment qalet li l-imputat ;

- 'kien libes gakketta u kellu idejh mal-parti tieghu. Il-parti tieghu kienet barra. Ma kinitx moghttija bil-flokk' -

U f'parti ohra fil-kontro-ezami tistqarr li tahseb li kien liebes jeans u hargu miz-zip, sa fejn tiftakar.

Ommha li kienet inkaxxata, fil-veru sens tal-kelma, maghha minn dan kollu ma rat xejn hlief li rat l-imputat issikkat hdejn bintha u sehematha tlehhen il-kelma 'mahmug' ghal darbtejn. Zdiedet qalet li lill-imputat ratu inkongruenti qalb il-massa ta' nies maltin presenti ghall-okkazjoni.

Ikkonsidrat:

Illi fost xhieda ohra l-Qorti qieset ix-xhieda tal-Ispettur Prosekutur u t-tabib Dottor Mario Scerri nominat fuq talba tal-imputat.

Rigward tal-ewwel f'parti mid-deposizzjoni tieghu l-Ispettur testwamment jghid "meta morna ( hu u Ps1330) biex jiffirma l-'police bail' [l-imputat li] dak il-hin kien fuq is-sodda stqarr mieghi u qalli "jista' jkun gara dan kollu u jiena kont fis-sakkra". Fil-kuntest ta' dan id-diskors tal-imputat il-Qorti mhux qeghda tirriskontra li b'dashekk hemm konfessjoni a tenur tal-Artikolu 658 tal-Kap 9 anka ghaliex m'ghandha l-ebda indikazzjoni minn hadd li l-imputat kien jew deher fis-sakkra. Imbaghad, mhu lanqas traskurabbli il-fatt tal-ugigh f'sidru li hakem lill-imputat.

Rigward ghax-xhieda tat-tabib, hu ikkonferma li 'd-diabete' kienet wahda mill-kondizzjoni li kien isofri biha l-imputat, wkoll minn ugigh f'sidru, u fil-kuntest tad-djabete stqarr li l-kondizzjoni tikkagualek impotenza pero' mhux kull djabetiku huwa impotent u, zzid il-Qorti', li tkun impotenti ma jfissirx li ma jkollokx erezzjoni.

Izda, hu x'inhu il-kaz huwa principju li l-imputat m'ghandu jipprova xejn u fil-kaz li jittanta jghamel xi prova hu bizzejjed ghal liberazzjoni tieghu li jipprova sal grad tal-probabbli. Il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni hija bil-wisq differenti stante li l-prova taghha ghall-konvicju ghandha tkun minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni.

U huwa proprju fuq dan il-principju li l-Qorti mhux qeghdha ssib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Fil-konfront tal-ewwel minhabba li mhiex sorretta minn ebda prova u fir- rigward it-tieni stante li x-xhieda hi tali li ma tissodisfax pjenament il-Qorti. Hemm fix-xhieda tal-kwerelanta certi kontradizzjonijiet materjali u sostanzjali li jitfaw dubbju dwar l-affidabilita' tax-xhieda taghha.

Minhabba f'hekk tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat